KAWŻA
TAL-BEATIFIKAZZJONI

# P. Avertan Fenech, O.Carm.

minn P. Charlò Camilleri, O.Carm.
*Viċi Postulatur*



*P. Avertan Fenech.*
*Disinn bil-lapes ta' Twanny Farrugia.*

Dejjem kien "misteru" kif matul is-snin, is-santi ta' P. Avertan Fenech, kienu jixxerdu tista' tgħid ma' Malta kollha, b'mod diskret imma kostanti. Mill-arkivji tal-Postulazzjoni nikkalkulaw li matul is-snin tqassmu 'l fuq minn 100,000 santa, u dan mingħajr ma' ngħoddu dawk li tqassmu bejn l-1943 u l-1979.

Ftit ilu skoprejna li wieħed mid-devoti tal-Qaddej ta' Alla, li xerred bil-moħbi, biex ngħidu hekk, ma' kullimkien f'Malta u Għawdex is-santi ta' P. Avertan, kien proprju is-Sur Winston Lawrence Zammit, li ħalla dan il-wied tad-dmugħ f'Novembru tas-sena l-oħra. Huwa kien għalliem tal-Istorja maħbub minn ħafna studenti, u għamel isem għall-istudji u r-riċerka tiegħu f'dak li għandu x'jaqsam mal-Ġrajja u l-Kultura Maltija. Xi wħud mir-reliġjużi Karmelitani fil-ġenerazzjoni ta' dawn l-aħħar snin kienu studenti tiegħu wkoll, u baqa' jgħożż it-tifkira tagħhom sal-aħħar. Kien magħruf għax-xogħol ta' volontarjat u d-dedikazzjoni tiegħu fl-għoti tal-karità. Aħna hawnhekk infakkruh għall-manswetudni, l-umiltà u ħajja spiritwali sempliċi u altruwista, kif ukoll membru tal-Familja Karmelitana bil-kitba fil-Labtu tal-Madonna tal-Karmnu, li kif stqarr magħna ftit jiem qabel għadda għall-ħajja ta' dejjem, huwa qatt ma qala' minn fuq sidru l-Iskapular tal-Madonna tal-Karmnu sa' mill-1957.

Waqt żjara li għamilnielu fl-isptar ftit qabel miet, huwa kien ferħan ħafna bil-ftuħ tal-Kawża ta' Beatifikazzjoni u Kanonizzazzjoni tal-Qaddej ta' Alla P. Avertan Fenech u bl-għeluq pożittiv tagħha. Ir-rassenjazzjoni għal kollox mal-volontà ta' Alla fil-qagħda tal-mard u fl-offerta spiritwali tiegħu kienu tassew ta' edifikazzjoni.

## Xi attivitajiet b'risq il-kawża

- Fil-quddiesa tal-Lejl tal-Milied, 2017, li saret fil-knisja tal-Karmnu fl-Imdina, tqassmu Bambini u presepji lin-nies b'siltiet magħhom mill-kitbiet ta' P. Avertan.
- Diversi individwi u gruppi żaru l-qabar tal-Qaddej ta' Alla u ċ-ċella tiegħu biex jitolbu l-interċessjoni tiegħu quddiem Alla fil-ħtiġijiet partikulari tagħhom. Fost dawn insemmu ż-żjara ta' persuni mir-Renju Unit, midħla ta' xi familjari tal-Qaddej ta' Alla li

15/02/2023, 10:10 Il-Karmelu



kienu emigraw.

• Nhar il-11 ta' Jannar, 2018, is-Superjur Joe Fenech mexxa adorazzjoni fil-Knisja tal-Karmnu fl-Imdina. Wara kienu bosta dawk li żaru l-qabar u ċ-ċella ta' P. Avertan.

• Nhar it-Tlieta, 23 ta' Jannar, 2018, il-Viċi Postulatur kien mistieden fil-Parroċċa tal-Madonna tas-Sacro Cuor biex jagħti taħdita fuq il-Qaddej ta' Alla u jispjega l-Proċess tal-Beatifikazzjoni u Kanonizzazzjoni.

• Nhar il-Ġimgħa, 26 ta' Jannar, 2018, il-Parroċċa tal-Balluta organizzat pellegrinaġġ lejn il-qabar u ċ-ċella ta' P. Avertan. Il-pellegrinaġġ beda b'quddiesa u wara sar talb ta' interċessjoni.

• Il-Ġimgħa, 26 ta' Jannar, 2018, saret ċelebrazzjoni fil-Mosta organizzata mit-Terzjarji Karmelitani li fakkret il-75 sena mill-mewt ta' P. Avertan. Għal dan l-anniversarju sar ukoll "logo" li se jiġi stampat biex jitqassam.

• Flimkien mal-Kunsill Lokali tal-Mosta, l-Uffiċċju tal-Viċi Postulatur qed jaħdem fuq proġett ta' rħama kommemorattiva li timmarka d-dar fejn twieled u trabba l-Qaddej ta' Alla fil-Mosta.

• Nhar it-2 ta' Frar, 2018, festa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej fit-Tempju u Jum il-Ħajja Konsagrata, f'għeluq l-ewwel anniversarju mill-ftuħ tal-Kawża tal-Beatifikazzjoni u Kanonizzazzjoni tal-Qaddej ta' Alla P. Avertan Fenech, sar pellegrinaġġ tal-Kleru immexxi mill-Eminenza Tiegħu l-Kardinal Michael Timothy Dolan, Arċisqof ta' New York, fil-Knisja tal-Karmnu fl-Imdina. Il-Kardinal iċċelebra l-festa tal-Kandlora bir-rit tat-tberik tax-xama' u żar ukoll il-qabar u ċ-ċella tal-Qaddej ta' Alla P. Avertan. Wara l-Quddiesa il-Viċi Postulatur tal-Kawża ppreżenta kwadru tal-Qaddej ta' Alla b'relikwija tat-tieni grad lill-Kardinal u tqassmu wkoll is-santi lill-kleru li ħa sehem fil-pellegrinaġġ. Ilkoll imbagħad qattgħu mumenti ta' talb fis-skiet quddiem il-qabar ta' P. Avertan u fiċ-ċella tiegħu.

*P. Avertan Fenech. Disinn bil-lapes ta' Twanny Farrugia.*

## Siltiet mill-omelija tal-Arċisqof

*Dawn huma żewġ siltiet mill-omelija li Mons. Charles J. Scicluna għamel fl-1 ta' Novembru, 2017, fil-quddiesa li saret fil-Konkatidral ta' San Ġwann wara r-Rit tal-Għeluq tal-Inkjesta Djoċesana ta' P. Avertan Fenech, Karmelitan.*

"Dan huwa n-nisel ta' dawk li jfittxu l-wiċċek, Mulej." (S 23,6) F'din l-espressjoni mis-Salm 23 hemm miġbura l-qalba tal-qdusija, hija l-hena li jsemmi Ġesù "ta' min hu fqir fl-ispirtu" (Mt 5,3), ta' min jirrealizza f'ħajtu l-bżonn radikali ta' Alla. Fi kliem Patri Franku, Karmelitan, San Ġorġ Preca, il-qdusija hija li kuljum tgħix il-karba: "Sinjur Alla, jiena għandi bżonnok." "Jiena nfittex lil wiċċek, Mulej, jiena ma nistħix mill-faqar tiegħi għax il-merti li bihom libbistni huma l-ħniena mqaddsa tiegħek.

Ħenjin, henjin, ħenjin! Aħna u llum nirringrazzjaw lil Alla "qaddis, qaddis, qaddis," nirringrazzjawh talli fil-ħniena tiegħu sejħilna għall-qdusija, bħalma sejjaħ lill-Qaddej ta' Alla Patri Avertan. Hu li ried isir bniedem bħalna biex aħna nsiru allat bħalu, skont id-duttrina tal-Padres Griegi. "Kull min għandu t-tama fih isir safi bħalma safi huwa Kristu." (1 Ġw 3,2-3)






*Santa miktuba minn Fra Avertan M. Fenech, O.Carm., fl-okkażjoni tal-Professjoni Solenni tiegħu fl-Ordni Karmelitan fis-27 ta' Frar 1892, u mogħtija ġurnata wara lill-kumpan tiegħu Fra Carmelo M. Diacono, O.Carm.*



https://fliphtml5.com/bookcase/exfz 2/2